MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1609/2002/2

**Jurgen Brammer**
**vs**
**Nazzareno *sive* Ronnie Zammit ezercenti fil-kummerc bhala Ronnies Marine Centre**

**Il-Qorti,**

Illi dina s-sentenza qed tigi pronunzjata bil-Malti billi l-atti kollha saru bil-Malti, u kien biss fl-istadju tat-trattazzjoni quddiem dina l-Qorti li ntalab li l-proceduri jinstemghu bl-Ingliz a beneficcju tar-ritrattat li ried jisma' it-trattazzjoni. Ghalhekk minhabba praticita` u billi l-atti huma kollha bil-Malti, s-sentenza qed tinghata b'dan il-mod.

**Preliminari**

**Proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar**

B-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju 2002, l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm960

(disa' mija u sittin Lira Maltin) bhala danni sofferti mill-attur kawza ta’ negligenza fl-ezekuzzjoni ta’ xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta’ l-attur.

Illi l-kovenut kien wiegeb li hu mhux responsabbli ghall-kwalunkwe danni li talvolta seta' sofra l-attur u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Fil-15 ta’ Dicembru 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-sentenza fejn iddecieda li fil-kaz odjern, l-attur naqas li jipprova u ghalhekk it-talba tieghu ma setghetx tigi akkolta, ghalhekk cahad it-talba attrici, laqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Proceduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.**

Minn din is-sentenza sar appell u fl-4 ta’ Ottubru 2006, u l-Qorti ta’ l-Appell laqghet l-appell u b’hekk hassret u rrevokat is-sentenza appellata tat-Tribunal. Konsegwentement ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur f’danni subiti s-somma ta’ disa’ mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm971) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez kellhom jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut.

**Ritrattazzjoni**

F’dawn il-proceduri l-konvenut qed jitlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell deciza fl 4 ta’ Ottubru, 2006.

**Konsiderazzjonijiet**

L-istatut ta’ ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *“res judicata pro veritate habetur”*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghal kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi.

Illi r-ritrattandi qed isostnu li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell hija kolpita minn-applikazzjoni hazina tal-ligi

(Artikolu 881 (e) Kap. 12) u hija effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12).

**811(e) *Sentenza li tkun applikat il-ligi hazin;*”.**

L-Artikolu 811 jiddisponi li “*Kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*”

u, fis-subinciz (e) ta’ l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni

“*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*”.

B’titolu ta’ kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu

“*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>fil-kaz biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*”

Illi r-ritrattand qed jissottometti li f’dan il-kaz il-Qorti ta’ l-Appell applikat hazin il-ligi meta hi tefghet l-oneru fuqu biex jipprova li x-xoghol sar kif suppost (haga li *de resto* giet pruvata) mentri kellu jkun r-ritrattat li jipprova li x-xoghol li ghamel kien hazin u dan billi uza *filter* li ma kienx adattat. Il-Qorti ta’ l-Appell ghamlet ukoll applikazzjoni hazina tal-ligi meta qaghdet fuq dak li qal *surveyor* li qaghad fuq ghajdut jew *hearsay evidence*.

Fil-kuntest tal-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta’ ritrattazzjoni nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jrid li “*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*” F’dan il-kaz ir-ritrattand ma hu qed isemmi ebda ligi li messha giet applikata.

F’dan il-kaz japplika dak illi qalet dina l-Qorti, diversament komposta, fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-Tlieta (3) ta’ Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe.*** ghar-rigward ta’ l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 li:

“… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b’mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b’mod hazin” .  (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici App 17/2/2003; Appell 5 ta’ Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).

Fil-kaz in ezami z-zewg lanjanzi li r-rittrattand ressaq quddiem dina l-Qorti f’dawn il-proceduri kienu gew ezaminati mill-Qorti ta’ l-Appell u gew rigettati. Fil-fatti l-Qorti fuq l-kwistjoni tal-oneru tal-prova kienet qalet hekk:

Issa in tema ta’ prova ta’ l-inadempiment ta’ l-obbligazzjoni, u dan ighodd ukoll ghal kaz ta’ adempiment inezatt u mhux skond l-arti u s-sengha, l-attur li jagixxi ghar-rizarciment tad-danni jehtieglu jipprova, oltre l-ftehim negozjali intervenut, l-allegazzjoni ta’ l-inadempiment jew ta’ l-inezattezza ta’ l-adempiment mill-kontroparti citat. Jibbasta f’dan ir-rigward li jiddemostra n-nuqqas ta’ osservanza ta’ l-obbligu tad-diligenza surreferit jew

iddifformita` kwalitativa ta’ xi oggett li l-kontroparti tkun utilizzat fil-kors ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-inkarigu lilha affidat. Inversament, il-konvenut hu f’ kazijiet konsimili mghobbi bil-piz tal-prova tal-fatt estintiv tal-pretensjoni ta’ l-attur billi jgib ‘il quddiem fatti u provi li l-adempiment sar, u li l-prestazzjoni giet espletata skond ir-regoli ta’ l-arti teknika;

…………………

Stabbilit dan, pressupost generali tar-responsabilita` kontrattwali hi l-kolpa. Din il-kolpa jew responsabilita` kontrattwali hi fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-konvenut, *qua* obbligat, kellu favur l-attur. F’dan il-kaz il-kolpa addebitata lill-konvenut hi intrinsika ma’ l-ezekuzzjoni ta’ l-obligazzjoni taht ix-xoghol ta’ tiswija. Kolpa din li dwarha, fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, il-konvenut ma rnexxielux igib prova liberatorja ta’ linadempiment imputat lilu mill-attur appellanti.

Rigward il-kwistjoni tal-materja teknika kif kelha tigi ezaminata u r-rizultanzi mill-fatti u l-provi l-Qorti ta’ l-Appell qalet hekk:

Huwa fatt accertat illi l*filter* installat mill-konvenut inqala’ minn postu u waqa’ fil *bilges* tal-makna. Eskluz li kien hemm manumissjoni mill-attur wara li gie installat, il-probabilita` hi li l-*filter* jew ma kienx imqieghed sew jew tabilhaqq ma kienx adattat ghal dik it-tip ta’ makna. Anke in assenza ta’ perizja teknika, jew ukoll kieku kellha ma tammettix x-xhieda ta’ Joseph Amato, din il-Qorti ssibha difficli fic-cirkostanzi biex ma taccettax bhala possibbli u verosimili l-allegazzjoni centrali ta’ l-attur appellant illi l-kawza tad-danni kien ilkonsegwenza ta’ inadempjenza jew adempiment inezatt tal-konvenut.

Illi ghalhekk jidher li r-ritrattand b’dawn il-proceduri qed jitob li dina l-Qorti terga' tezamina l-fatti mill-gdid biex jergu jigu valutati u interpretati mod iehor milli kif gew interpretati mill-Qorti ta’ l-Appell.  Dik il-Qorti applikat il-ligi korretta ghall fatti tal-kaz kif irrizultaw, ghalkemm ir-rittrattand qed ighid li dan ma ghamlitux korrettement (billi

biddlet l-oneru tal-prova u ma saritx prova teknika), li pero` mhijiex raguni tajba biex tintalab ir-ritrattazzjoni.

**811 (l) Zball ta’ fatt**

Ir-ritrattand qed jissottometti wkoll li s-sentenza ta’ Qorti ta’ l-Appell ghandha tigi ritrattata billi s-sentenza hija bazata fuq zball li jidher mill-atti billi la darba l-*filter* il-gdid kien dak adatt ghall-magna, il-Qort ta’ l-Appell ma setghet qatt tiddeciedi li r-raguni li dan inqala' minn postu kienet illi l-*filter* ma kienx dak li suppost twahhal. Kieku l-*filter* ma kienx adatt dan kien johrog immedjatament jew ftit wara u mhux li tithaddem il-magna u mhux wara 14-il siegha.

L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jiddisponi li kawza tista’ tigi ritrattrata, *“jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta’ xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”*.

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta’ fatt intqal fil-kawza “Mifsud vs Zahra” deciza minn din il-Qorti fit-18 ta’ Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323),

“Illi mill-ezami ta’ l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta’ fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb **Mattirolo Vol.IV, Pag 825):–**

(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta’ fatt, u mhux zball ta’ kriterju jew ta’ interpretazzjoni;

(2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta’ atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta’ l-izball;

(3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe`, li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;

(4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant; jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest tkun tista tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u

(5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta kontoversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta bl-aktar mod car li l-kwistjoni tal-bdil tal-*filter* kien il-punt ewlieni u determinanti f'dina l-vertenza, u kien appuntu dan il-punt li gie diskuss bejn il-partijiet u li fuqu l-Qorti ta' l-Appell ippronunzjat ruhha. L-istess argumenti li gew avvanzati u diskussi quddiem il-Qorti ta' l-Appell regghu gew prezentati quddiem dina l-Qorti u ma jirrizultax li l-gudikant ma kienx jaf b'dan il-fatt materjali dwar il-*filter*. L-izball li r-ritrattand qed gibaza t-talba tieghu fuqu hu relattiv ghall-kriterji li bihom il-fatt kontestat dwar il-*filter* gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza. Dan mhux l-zball li johrog mill-atti imma mill-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. Il-gudikant f'dan il-kaz qabel mas-sottomissjoni tar-ritrattat li l-*filter* ma kienx adatt ghal magna tieghu u dan ikkawza l-hsara lamentata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-ritrattand ghas-smigh mill-gdid ta' l-Appell
Spejjez ghar-ritrattand

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------